Dan l-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jiffinanzja miżuri mfassla apposta għall-ħtiġijiet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi ***li ġeneralment jiġu implimentati fl-istadji bikrija tal-integrazzjoni***, kif ukoll miżuri orizzontali li jappoġġaw il-kapaċitajiet tal-Istati Membri fil-qasam tal-integrazzjoni***, filwaqt li*** l-interventi għal ċittadini ta' pajjiżi terzi b'impatt aktar fit-tul ***jenħtieġ li*** jiġu segwiti taħt appoġġ ieħor tal-Unjoni.	Dan l-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jiffinanzja miżuri mfassla apposta għall-ħtiġijiet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, kif ukoll miżuri orizzontali li jappoġġaw il-kapaċitajiet tal-Istati Membri fil-qasam tal-integrazzjoni ***u tal-migrazzjoni legali***. L-interventi għal ċittadini ta' pajjiżi terzi b'impatt aktar fit-tul ***jistgħu*** jiġu segwiti ***wkoll*** taħt appoġġ ieħor tal-Unjoni***, f'liema każ jenħtieġ li tiġi żgurata l-komplementarjetà***. ***L-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jiggarantixxi l-aċċess ugwali u n-nondiskriminazzjoni għal ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-mira tal-miżuri ta' integrazzjoni.***

Or. en

Emenda 105
Erik Kaliňák, Katarína Roth Neveďalová

Proposta għal regolament
Premessa 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan l-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jiffinanzja miżuri mfassla apposta għall-ħtiġijiet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li ġeneralment jiġu implimentati fl-istadji bikrija tal-integrazzjoni, kif ukoll miżuri orizzontali li jappoġġaw il-kapaċitajiet tal-Istati Membri fil-qasam tal-integrazzjoni, filwaqt li l-interventi għal ċittadini ta' pajjiżi terzi b'impatt aktar fit-tul jenħtieġ li jiġu segwiti taħt appoġġ ieħor tal-Unjoni.	Dan l-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jiffinanzja miżuri mfassla apposta għall-ħtiġijiet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li ġeneralment jiġu implimentati fl-istadji bikrija tal-integrazzjoni, kif ukoll miżuri orizzontali li jappoġġaw il-kapaċitajiet tal-Istati Membri fil-qasam tal-integrazzjoni, ***b'enfasi fuq il-promozzjoni tal-awtosuffiċjenza, il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u l-konformità mal-ordni legali tal-Istat Membru ospitanti,*** filwaqt li l-interventi għal ċittadini ta' pajjiżi terzi b'impatt aktar fit-tul jenħtieġ li jiġu segwiti taħt appoġġ ieħor tal-Unjoni.

Or. sk

Ġustifikazzjoni

L-integrazzjoni għandha tkun diretta lejn l-indipendenza, l-attività ekonomika u r-rispett għar-regoli tas-soċjetà ospitanti. L-appoġġ iffinanzjat minn fondi tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi għal dawn l-objettivi u jippromwovi l-koeżjoni soċjali u l-integrazzjoni b'suċċess ta' persuni li jgħixu legalment fit-territorju tal-Istati Membri.

Emenda 106
Geadis Geadi

Proposta għal regolament
Premessa 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan l-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jiffinanzja miżuri mfassla apposta għall-ħtiġijiet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li ġeneralment jiġu implimentati fl-istadji bikrija tal-	Dan l-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jiffinanzja miżuri mfassla apposta għall-ħtiġijiet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi ***residenti legalment*** li ġeneralment jiġu implimentati fl-istadji

integrazzjoni, kif ukoll miżuri orizzontali li jappoġġaw il-kapaċitajiet tal-Istati Membri fil-qasam tal-integrazzjoni, filwaqt li l-interventi għal ċittadini ta' pajjiżi terzi b'impatt aktar fit-tul jenħtieġ li jiġu segwiti taħt appoġġ ieħor tal-Unjoni.	bikrija tal-integrazzjoni, kif ukoll miżuri orizzontali li jappoġġaw il-kapaċitajiet tal-Istati Membri fil-qasam tal-integrazzjoni, filwaqt li l-interventi għal ċittadini ta' pajjiżi terzi b'impatt aktar fit-tul jenħtieġ li jiġu segwiti taħt appoġġ ieħor tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 107
Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Jan-Christoph Oetjen, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Premessa 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan l-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jiffinanzja miżuri mfassla apposta għall-ħtiġijiet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li ġeneralment jiġu implimentati ***fl-istadji bikrija tal-integrazzjoni***, kif ukoll miżuri orizzontali li jappoġġaw il-kapaċitajiet tal-Istati Membri fil-qasam tal-integrazzjoni, filwaqt li l-interventi għal ċittadini ta' pajjiżi terzi b'impatt aktar fit-tul ***jenħtieġ li*** jiġu segwiti taħt appoġġ ieħor tal-Unjoni.	Dan l-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jiffinanzja miżuri mfassla apposta għall-ħtiġijiet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li ġeneralment jiġu implimentati ***waqt l-integrazzjoni***, kif ukoll miżuri orizzontali li jappoġġaw il-kapaċitajiet tal-Istati Membri fil-qasam tal-integrazzjoni, filwaqt li l-interventi għal ċittadini ta' pajjiżi terzi b'impatt aktar fit-tul ***jistgħu*** jiġu segwiti taħt appoġġ ieħor tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 108
Geadis Geadi

Proposta għal regolament
Premessa 6 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Dan l-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jiffinanzja miżuri mfassla speċifikament għall-ħtiġijiet taċ-ċittadini Ewropej u jappoġġa l-kapaċitajiet tal-Istati Membri fil-qasam

tal-prevenzjoni u l-kontrolli xierqa, u b'hekk joħloq sens ta' sigurtà għaċ-ċittadini tal-Unjoni.

Or. el

Emenda 109
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) Peress li l-Unjoni u l-Istati Membri qed jiffaċċjaw nuqqasijiet dejjem akbar ta' ħaddiema u ta' ħiliet kif ukoll sfidi demografiċi dejjem akbar, l-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' kanali ta' migrazzjoni legali ġusti, effiċjenti u sostenibbli, f'konformità mal-ħtiġijiet ekonomiċi u soċjali tal-Istati Membri. Tali appoġġ jenħtieġ li jikkontribwixxi għat-tishih tal-attraenza tal-Unjoni għal ċittadini ta' pajjiżi terzi b'ħiliet rilevanti fil-livelli kollha, jiffaċilita l-inklużjoni fis-suq tax-xogħol u prattiki ta' reklutaġġ ġusti, u jikkontribwixxi għall-prevenzjoni tal-isfruttament ta' ħaddiema u għall-protezzjoni tad-drittijiet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi.

Or. en

Emenda 110
Loucas Fourlas, Fredis Beleris, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Tomáš Zdechovský, Alice Teodorescu Måwe, Loránt Vincze, Henrik Dahl, Emil Radev

Proposta għal regolament
Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(6a) Fid-dawl tan-natura li qed tevolvi tal-isfidi tal-migrazzjoni u l-ħtieġa ta' ġestjoni effettiva u sostenibbli tal-migrazzjoni, l-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jkun jista' jikkontribwixxi għall-iżvilupp, l-ittestjar u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi, f'konformità sħiħa mad-dritt tal-Unjoni u dak internazzjonali. Tali soluzzjonijiet jistgħu jappoġġaw l-isforzi għall-prevenzjoni tal-migrazzjoni irregolari, itejbu l-proċeduri ta' ritorn u riammissjoni, inaqqsu l-pressjoni fuq l-Istati Membri li jiffaċċjaw flussi migratorji sproporzjonati, u jtejbu l-effettività ġenerali tal-qafas ta' ġestjoni tal-migrazzjoni tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 111
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Peress li l-isfidi fil-qasam tal-migrazzjoni ***u*** l-ażil qed jevolvu b'mod kostanti, hemm bżonn li l-allokazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament tiġi adattata għall-bidliet ***fil-flussi migratorji*** u l-ażil. Bħala rispons għall-ħtiġijiet urġenti u għall-bidliet fil-politika u fil-prijoritajiet tal-Unjoni, u biex il-finanzjament jiġi orjentat lejn azzjonijiet b'livell għoli ta' valur miżjud tal-Unjoni, jenħtieġ li parti mill-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament tiġi implimentata b'ġestjoni diretta, kondiviża u indiretta permezz tal-Faċilità tal-UE stabbilita skont ir-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, għall-agrikoltura u rurali, għas-sajd u għas-settur marittimu, għall-prosperità u għas-sigurtà. il-Faċilità tal-UE toffri flessibbiltà fil-ġestjoni tal-	(7) Peress li l-isfidi fil-qasam tal-migrazzjoni***,*** l-ażil ***u l-integrazzjoni*** qed jevolvu b'mod kostanti, hemm bżonn li l-allokazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament tiġi adattata għall-bidliet ***fil-migrazzjoni*** u l-ażil. Bħala rispons għall-ħtiġijiet urġenti u għall-bidliet fil-politika u fil-prijoritajiet tal-Unjoni, u biex il-finanzjament jiġi orjentat lejn azzjonijiet b'livell għoli ta' valur miżjud tal-Unjoni, jenħtieġ li parti mill-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament tiġi implimentata b'ġestjoni diretta, kondiviża u indiretta permezz tal-Faċilità tal-UE stabbilita skont ir-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, għall-agrikoltura u rurali, għas-sajd u għas-settur marittimu, għall-prosperità u għas-sigurtà. ***Fl-istess ħin, biex jiġi żgurat***

appoġġ tal-Unjoni, u, għal ġestjoni kondiviża, jenħtieġ li tiġi implimentata permezz tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tal-istati Membri.

finanzjament suffiċjenti u prevedibbli fir-rigward tal-iżvilupp tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil u fir-rigward tal-iżgurar ta' sistemi tal-ażil u l-akkoljenza li jiffunzjonaw, tal-iżvilupp tal-migrazzjoni legali u tal-promozzjoni u l-kontribut għall-integrazzjoni, jenħtieġ li perċentwal minimu fiss tal-allokazzjoni annwali mill-faċilità tal-UE għal dan ir-Regolament jiġi ddedikat għal dawk l-objettivi speċifiċi. Barra minn hekk, sabiex jiġu estiżi l-flussi ta' finanzjament dirett fil-Faċilità tal-UE għall-awtoritajiet lokali u reġjonali għall-implimentazzjoni ta' azzjonijiet ta' integrazzjoni, huwa xieraq li wieħed jibni fuq il-prattika stabbilita taħt il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni attwali, u li jitwarrab 5 % tal-appoġġ annwali li għandu jiġi dirett lejn l-Affarijiet Interni speċifikament għal azzjonijiet ta' integrazzjoni mwettqa mill-awtoritajiet lokali u reġjonali. Il-Faċilità tal-UE toffri flessibbiltà fil-ġestjoni tal-appoġġ tal-Unjoni, u, għal ġestjoni kondiviża, jenħtieġ li tiġi implimentata permezz tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tal-istati Membri. ***Madankollu, jenħtieġ li l-flessibbiltà ma tirriżultax fir-riallokazzjoni sistematika tar-riżorsi lil hinn mill-azzjonijiet ta' protezzjoni u integrazzjoni.***

Or. en

Emenda 112
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Peress li l-isfidi fil-qasam tal-migrazzjoni ***u*** l-ażil qed jevolvu b'mod kostanti, hemm bżonn li l-allokazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament tiġi adattata għall-bidliet fil-flussi	(7) Peress li l-isfidi fil-qasam tal-migrazzjoni***,*** l-ażil ***u l-integrazzjoni*** qed jevolvu b'mod kostanti, hemm bżonn li l-allokazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament tiġi adattata għall-

migratorji u l-ażil. Bħala rispons għall-ħtiġijiet urġenti u għall-bidliet fil-politika u fil-prijoritajiet tal-Unjoni, u biex il-finanzjament jiġi orjentat lejn azzjonijiet b'livell għoli ta' valur miżjud tal-Unjoni, jenħtieġ li parti mill-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament tiġi implimentata b'ġestjoni diretta, kondiviża u indiretta permezz tal-Faċilità tal-UE stabbilita skont ir-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, għall-agrikoltura u rurali, għas-sajd u għas-settur marittimu, għall-prosperità u għas-sigurtà. il-Faċilità tal-UE toffri flessibbiltà fil-ġestjoni tal-appoġġ tal-Unjoni, u, għal ġestjoni kondiviża, jenħtieġ li tiġi implimentata permezz tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tal-istati Membri.

bidliet fil-flussi migratorji u l-ażil. Bħala rispons għall-ħtiġijiet urġenti u għall-bidliet fil-politika u fil-prijoritajiet tal-Unjoni, u biex il-finanzjament jiġi orjentat lejn azzjonijiet b'livell għoli ta' valur miżjud tal-Unjoni, jenħtieġ li parti mill-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament tiġi implimentata b'ġestjoni diretta, kondiviża u indiretta permezz tal-Faċilità tal-UE stabbilita skont ir-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, għall-agrikoltura u rurali, għas-sajd u għas-settur marittimu, għall-prosperità u għas-sigurtà. ***Perċentwal minimu fiss tal-allokazzjoni annwali tal-Faċilità jenħtieġ li jkun iddedikat għas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil, l-iżvilupp tal-migrazzjoni legali u l-promozzjoni u l-kontribut għall-integrazzjoni, inkluż, abbażi tal-prattika attwali tal-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, sehem ta' 10 % għall-azzjonijiet ta' integrazzjoni implimentati direttament mill-awtoritajiet lokali u reġjonali u mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.*** Il-Faċilità tal-UE toffri flessibbiltà fil-ġestjoni tal-appoġġ tal-Unjoni, u, għal ġestjoni kondiviża, jenħtieġ li tiġi implimentata permezz tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tal-istati Membri. ***Jenħtieġ li l-flessibbiltà fil-programmazzjoni ma tirriżulta qatt fir-riallokazzjoni sistematika tar-riżorsi lil hinn mill-azzjonijiet ta' protezzjoni u integrazzjoni.***

Or. en

Emenda 113
Erik Kaliňák, Katarína Roth Neveďalová

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Peress li l-isfidi fil-qasam tal-	(7) Peress li l-isfidi fil-qasam tal-

migrazzjoni u l-ażil qed jevolvu b'mod kostanti, hemm bżonn li l-allokazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament tiġi adattata għall-bidliet fil-flussi migratorji u l-ażil. Bħala rispons għall-ħtiġijiet urġenti u għall-bidliet fil-politika u fil-prijoritajiet tal-Unjoni, u biex il-finanzjament jiġi orjentat lejn azzjonijiet ***b'livell għoli ta' valur miżjud tal-Unjoni***, jenħtieġ li parti mill-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament tiġi implimentata b'ġestjoni diretta, kondiviża u indiretta permezz tal-Faċilità tal-UE stabbilita skont ir-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, għall-agrikoltura u rurali, għas-sajd u għas-settur marittimu, għall-prosperità u għas-sigurtà. Il-Faċilità tal-UE toffri flessibbiltà fil-ġestjoni tal-appoġġ tal-Unjoni, u, għal ġestjoni kondiviża, jenħtieġ li tiġi implimentata permezz tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tal-istati Membri.	migrazzjoni u l-ażil qed jevolvu b'mod kostanti, hemm bżonn li l-allokazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament tiġi adattata għall-bidliet fil-flussi migratorji u l-ażil. Bħala rispons għall-ħtiġijiet urġenti u għall-bidliet fil-politika u fil-prijoritajiet tal-Unjoni, u biex il-finanzjament jiġi orjentat lejn azzjonijiet ***li jwieġbu għall-ħtiġijiet murija tal-migrazzjoni u tal-ażil tal-Istati Membri***, jenħtieġ li parti mill-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament tiġi implimentata b'ġestjoni diretta, kondiviża u indiretta permezz tal-Faċilità tal-UE stabbilita skont ir-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, għall-agrikoltura u rurali, għas-sajd u għas-settur marittimu, għall-prosperità u għas-sigurtà. Il-Faċilità tal-UE toffri flessibbiltà fil-ġestjoni tal-appoġġ tal-Unjoni, u, għal ġestjoni kondiviża, jenħtieġ li tiġi implimentata permezz tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tal-istati Membri.

Or. sk

Ġustifikazzjoni

Il-kunċett ta' "valur miżjud tal-Unjoni" huwa vag u jista' jwassal għall-finanzjament ta' proġetti mingħajr rabta diretta mal-ħtiġijiet reali tal-Istati Membri. L-emenda proposta tbiddel l-enfasi għal ħtiġijiet identifikati b'mod oġġettiv fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ażil u tappoġġa użu aktar effiċjenti tal-fondi.

Emenda 114
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Peress li l-isfidi fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ażil qed jevolvu b'mod kostanti, hemm bżonn li l-allokazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament tiġi ***adattata għall-bidliet fil-flussi***	(7) Peress li l-isfidi fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ażil qed jevolvu b'mod kostanti, hemm bżonn li l-allokazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament tiġi ***mmirata primarjament lejn sforzi biex***

migratorji u l-ażil. Bħala rispons għall-ħtiġijiet urġenti ***u għall-bidliet fil-politika u fil-prijoritajiet tal-Unjoni,*** u biex il-finanzjament jiġi orjentat lejn azzjonijiet b'livell għoli ta' valur miżjud ***tal-Unjoni***, jenħtieġ li parti mill-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament tiġi implimentata b'ġestjoni diretta, kondiviża u indiretta permezz tal-Faċilità tal-UE stabbilita skont ir-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, għall-agrikoltura u rurali, għas-sajd u għas-settur marittimu, għall-prosperità u għas-sigurtà. Il-Faċilità tal-UE toffri flessibbiltà fil-ġestjoni tal-appoġġ tal-Unjoni, u, għal ġestjoni kondiviża, jenħtieġ li tiġi implimentata permezz tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tal-istati Membri.

tiġi miġġielda l-migrazzjoni illegali u fenomeni relatati. Bħala rispons għall-ħtiġijiet urġenti u biex il-finanzjament jiġi orjentat lejn azzjonijiet b'livell għoli ta' valur miżjud ***għall-Istati Membri u għall-Unjoni***, jenħtieġ li parti mill-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament tiġi implimentata b'ġestjoni diretta, kondiviża u indiretta permezz tal-Faċilità tal-UE stabbilita skont ir-Regolament (UE) [...] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, għall-agrikoltura u rurali, għas-sajd u għas-settur marittimu, għall-prosperità u għas-sigurtà. Il-Faċilità tal-UE toffri flessibbiltà fil-ġestjoni tal-appoġġ tal-Unjoni, u, għal ġestjoni kondiviża, jenħtieġ li tiġi implimentata permezz tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tal-istati Membri.

Or. pl

Emenda 115
Loucas Fourlas, Tomáš Zdechovský, Alice Teodorescu Måwe, Loránt Vincze, Henrik Dahl, Emil Radev

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Peress li l-isfidi fil-qasam tal-migrazzjoni ***u*** l-ażil qed jevolvu b'mod kostanti, hemm bżonn li l-allokazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament tiġi adattata għall-bidliet fil-flussi migratorji u l-ażil. Bħala rispons għall-ħtiġijiet urġenti u għall-bidliet fil-politika u fil-prijoritajiet tal-Unjoni, u biex il-finanzjament jiġi orjentat lejn azzjonijiet b'livell għoli ta' valur miżjud tal-Unjoni, jenħtieġ li parti mill-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament tiġi implimentata b'ġestjoni diretta, kondiviża u indiretta permezz tal-Faċilità tal-UE stabbilita skont ir-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-	(7) Peress li l-isfidi fil-qasam tal-migrazzjoni***,*** l-ażil ***u l-integrazzjoni*** qed jevolvu b'mod kostanti, hemm bżonn li l-allokazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament tiġi adattata għall-bidliet fil-flussi migratorji u l-ażil. Bħala rispons għall-ħtiġijiet urġenti u għall-bidliet fil-politika u fil-prijoritajiet tal-Unjoni, u biex il-finanzjament jiġi orjentat lejn azzjonijiet b'livell għoli ta' valur miżjud tal-Unjoni, jenħtieġ li parti mill-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament tiġi implimentata b'ġestjoni diretta, kondiviża u indiretta permezz tal-Faċilità tal-UE stabbilita skont ir-Regolament (UE)

Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, għall-agrikoltura u rurali, għas-sajd u għas-settur marittimu, għall-prosperità u għas-sigurtà. il-Faċilità tal-UE toffri flessibbiltà fil-ġestjoni tal-appoġġ tal-Unjoni, u, għal ġestjoni kondiviża, jenħtieġ li tiġi implimentata permezz tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tal-istati Membri.	[…] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, għall-agrikoltura u rurali, għas-sajd u għas-settur marittimu, għall-prosperità u għas-sigurtà. Il-Faċilità tal-UE toffri flessibbiltà fil-ġestjoni tal-appoġġ tal-Unjoni, u, għal ġestjoni kondiviża, jenħtieġ li tiġi implimentata permezz tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tal-istati Membri.
	Or. en

Emenda 116
Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Jan-Christoph Oetjen, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Peress li l-isfidi fil-qasam tal-migrazzjoni ***u*** l-ażil qed jevolvu b'mod kostanti, hemm bżonn li l-allokazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament tiġi adattata għall-bidliet fil-flussi migratorji u l-ażil. Bħala rispons għall-ħtiġijiet urġenti u għall-bidliet fil-politika u fil-prijoritajiet tal-Unjoni, u biex il-finanzjament jiġi orjentat lejn azzjonijiet b'livell għoli ta' valur miżjud tal-Unjoni, jenħtieġ li parti mill-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament tiġi implimentata b'ġestjoni diretta, kondiviża u indiretta permezz tal-Faċilità tal-UE stabbilita skont ir-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, għall-agrikoltura u rurali, għas-sajd u għas-settur marittimu, għall-prosperità u għas-sigurtà. Il-Faċilità tal-UE toffri flessibbiltà fil-ġestjoni tal-appoġġ tal-Unjoni, u, għal ġestjoni kondiviża, jenħtieġ li tiġi implimentata permezz tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tal-istati Membri.	(7) Peress li l-isfidi fil-qasam tal-migrazzjoni***,*** l-ażil ***u l-integrazzjoni*** qed jevolvu b'mod kostanti, hemm bżonn li l-allokazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament tiġi adattata għall-bidliet fil-flussi migratorji u l-ażil. Bħala rispons għall-ħtiġijiet urġenti u għall-bidliet fil-politika u fil-prijoritajiet tal-Unjoni, u biex il-finanzjament jiġi orjentat lejn azzjonijiet b'livell għoli ta' valur miżjud tal-Unjoni, jenħtieġ li parti mill-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament tiġi implimentata b'ġestjoni diretta, kondiviża u indiretta permezz tal-Faċilità tal-UE stabbilita skont ir-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, għall-agrikoltura u rurali, għas-sajd u għas-settur marittimu, għall-prosperità u għas-sigurtà. Il-Faċilità tal-UE toffri flessibbiltà fil-ġestjoni tal-appoġġ tal-Unjoni, u, għal ġestjoni kondiviża, jenħtieġ li tiġi implimentata permezz tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tal-istati

Membri.

Or. en

Emenda 117
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) L-istrument jenħtieġ li jappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri biex jiżviluppaw, jimmonitorjaw u jevalwaw il-politiki tagħhom dwar l-ażil, u b'mod kruċjali biex jistabbilixxu perkorsi ta' migrazzjoni legali u sikuri lejn l-UE, f'konformità mal-obbligi tal-Istati skont id-dritt internazzjonali biex jipproteġu lil dawk li jfittxu protezzjoni internazzjonali u lill-migranti mill-isfruttament. Jenħtieġ li jappoġġa u jikkontribwixxi wkoll għall-integrazzjoni soċjali tal-persuni kollha preżenti fl-Unjoni, irrispettivament mill-istatus amministrattiv tagħhom, inkluż permezz tal-apprendiment tal-lingwi, ir-rikonoxximent ta' kwalifiki, l-aċċess għall-impjiegi b'kundizzjonijiet ġusti u l-akkomodazzjoni u l-kura tas-saħħa deċenti, filwaqt li jiżgura n-nondiskriminazzjoni u t-tgawdija ugwali tad-drittijiet, u l-parteċipazzjoni sħiħa tagħhom fil-ħajja soċjali, ekonomika, kulturali u politika tas-soċjetà riċeventi.

Or. en

Emenda 118
Jan-Christoph Oetjen, Fabienne Keller, Raquel García Hermida-Van Der Walle, Nikola Minchev, Irena Joveva

Proposta għal regolament
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Il-Faċilità tal-UE jenħtieġ li tikkontribwixxi għall-objettivi tal-politika tal-affarijiet interni permezz tad-distribuzzjoni tal-fondi tagħha għal miżuri implimentati f'ġestjoni diretta jew indiretta f'konformità mal-perċentwali tal-koeffiċjent tal-affarijiet interni stabbilit fl-Anness I tar-Regolament li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, kif ukoll għall-agrikoltura u l-iżvilupp rurali, għas-sajd u l-affarijiet marittimi, għall-prosperità u għas-sigurtà għall-perjodu 2028–2034, b'45 % li għandhom jintefqu fuq il-fruntieri u l-viża, 35 % fuq il-migrazzjoni, u 20 % fuq is-sigurtà.

Or. en

Emenda 119
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Premessa 7b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***(7b) Minħabba d-daqs u n-natura tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li huma benefiċjarji potenzjali tal-appoġġ skont dan ir-Regolament, ir-rati ta' kofinanzjament previsti fir-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, kif ukoll għall-agrikoltura u l-qasam rurali, għas-sajd u l-affarijiet marittimi, għall-prosperità u għas-sigurtà, huma esklużjonarji u mhux realistiċi. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti rati ta' kofinanzjament adattati f'dan ir-Regolament biex jipprovdu opportunitajiet realistiċi għall-atturi tas-soċjetà ċivili fuq skala żgħira u għall-awtoritajiet lokali u reġjonali żgħar biex jibbenefikaw mill-appoġġ skont dan ir-Regolament u biex**

	joffru lill-Istati Membri l-azzjonijiet u s-servizzi meħtieġa biex jintlaħqu l-objettivi speċifiċi ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 120
Nicolas Bay

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8) Jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jiżguraw li l-għarfien, l-għarfien espert u l-esperjenza tal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni jitqiesu fl-iżvilupp tal-Pjanijiet Nazzjonali u Reġjonali tal-Istati Membri u meta jimplimentaw miżuri jew jindirizzaw sfidi fir-rigward tal-ġestjoni tal-migrazzjoni, il-kontroll u l-ġestjoni tal-fruntieri u s-sigurtà interna. Fejn xieraq, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tinvolvi wkoll lill-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni f'attivitajiet li għandhom l-għan li jiżguraw li l-miżuri appoġġati mill-appoġġ tal-Unjoni jikkonformaw mal-acquis rilevanti tal-Unjoni u l-prijoritajiet miftiehma tal-Unjoni.	***imħassar***

Or. fr

Emenda 121
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jiżguraw li l-għarfien, l-għarfien espert u l-esperjenza ***tal-korpi, l-uffiċċji u***	(8) Jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jiżguraw li l-għarfien, l-għarfien espert u l-esperjenza ***tas-servizzi*** rilevanti

l-aġenziji rilevanti ***tal-Unjoni jitqiesu*** fl-iżvilupp tal-Pjanijiet Nazzjonali u Reġjonali ***tal-Istati Membri*** u meta jimplimentaw miżuri jew jindirizzaw sfidi fir-rigward ***tal-ġestjoni tal-migrazzjoni***, il-kontroll u l-ġestjoni tal-fruntieri u s-sigurtà interna. ***Fejn xieraq, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tinvolvi wkoll lill-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni f'attivitajiet li għandhom l-għan li jiżguraw li l-miżuri appoġġati mill-appoġġ tal-Unjoni jikkonformaw mal-acquis rilevanti tal-Unjoni u l-prijoritajiet miftiehma tal-Unjoni.***

fl-Istati Membri jiġu prijoritizzati fl-iżvilupp tal-Pjanijiet Nazzjonali u Reġjonali u meta jimplimentaw miżuri jew jindirizzaw sfidi fir-rigward ***tal-ġlieda kontra l-migrazzjoni illegali***, il-kontroll u l-ġestjoni tal-fruntieri u s-sigurtà interna.

Or. pl

Emenda 122
Loucas Fourlas, Tomáš Zdechovský, Alice Teodorescu Måwe, Loránt Vincze, Henrik Dahl, Emil Radev

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jiżguraw li l-għarfien, l-għarfien espert u l-esperjenza tal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni jitqiesu fl-iżvilupp tal-Pjanijiet Nazzjonali u Reġjonali tal-Istati Membri u meta jimplimentaw miżuri jew jindirizzaw sfidi fir-rigward tal-ġestjoni tal-migrazzjoni, il-kontroll u l-ġestjoni tal-fruntieri u s-sigurtà interna. Fejn xieraq, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tinvolvi wkoll lill-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni f'attivitajiet li għandhom l-għan li jiżguraw li l-miżuri appoġġati mill-appoġġ tal-Unjoni jikkonformaw mal-acquis rilevanti tal-Unjoni u l-prijoritajiet miftiehma tal-Unjoni.	(8) Jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jiżguraw li l-għarfien, l-għarfien espert u l-esperjenza tal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni jitqiesu fl-iżvilupp tal-Pjanijiet Nazzjonali u Reġjonali tal-Istati Membri u meta jimplimentaw miżuri jew jindirizzaw sfidi fir-rigward tal-ġestjoni tal-migrazzjoni, il-kontroll u l-ġestjoni tal-fruntieri u s-sigurtà interna***, inkluż billi jagħmlu użu sħiħ mill-kapaċitajiet operazzjonali u analitiċi tagħhom u billi jiżguraw il-koordinazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni effettivi ma' dawk il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji***. Fejn xieraq, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tinvolvi wkoll lill-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni f'attivitajiet li għandhom l-għan li jiżguraw li l-miżuri appoġġati mill-appoġġ tal-Unjoni jikkonformaw mal-acquis rilevanti tal-Unjoni u l-prijoritajiet miftiehma tal-

Unjoni.

Or. en

Emenda 123
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jiżguraw li l-għarfien, l-għarfien espert u l-esperjenza tal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni jitqiesu fl-iżvilupp tal-Pjanijiet Nazzjonali u Reġjonali tal-Istati Membri ***u meta jimplimentaw miżuri jew jindirizzaw sfidi fir-rigward tal-ġestjoni tal-migrazzjoni, il-kontroll u l-ġestjoni tal-fruntieri u s-sigurtà interna***. Fejn xieraq, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tinvolvi wkoll lill-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni f'attivitajiet li għandhom l-għan li jiżguraw li l-miżuri appoġġati mill-appoġġ tal-Unjoni jikkonformaw mal-acquis rilevanti tal-Unjoni u l-prijoritajiet miftiehma tal-Unjoni.	(8) Jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jiżguraw li l-għarfien, l-għarfien espert u l-esperjenza tal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni jitqiesu fl-iżvilupp tal-Pjanijiet Nazzjonali u Reġjonali tal-Istati Membri. Fejn xieraq, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tinvolvi wkoll lill-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni f'attivitajiet li għandhom l-għan li jiżguraw li l-miżuri appoġġati mill-appoġġ tal-Unjoni jikkonformaw mal-acquis rilevanti tal-Unjoni u l-prijoritajiet miftiehma tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 124
Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Jan-Christoph Oetjen, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jiżguraw li l-għarfien, l-għarfien espert u l-esperjenza tal-korpi, l-uffiċċji ***u*** l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni jitqiesu fl-	(8) Jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jiżguraw li l-għarfien, l-għarfien espert u l-esperjenza tal-korpi, l-uffiċċji***,*** l-aġenziji ***u s-soċjetà ċivili*** rilevanti tal-

iżvilupp tal-Pjanijiet Nazzjonali u Reġjonali tal-Istati Membri u meta jimplimentaw miżuri jew jindirizzaw sfidi fir-rigward tal-ġestjoni tal-migrazzjoni, il-kontroll u l-ġestjoni tal-fruntieri u s-sigurtà interna. Fejn xieraq, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tinvolvi wkoll lill-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni f'attivitajiet li għandhom l-għan li jiżguraw li l-miżuri appoġġati mill-appoġġ tal-Unjoni jikkonformaw mal-acquis rilevanti tal-Unjoni u l-prijoritajiet miftiehma tal-Unjoni.

Unjoni***, inklużi dawk speċjalizzati fil-protezzjoni internazzjonali,*** jitqiesu fl-iżvilupp tal-Pjanijiet Nazzjonali u Reġjonali tal-Istati Membri u meta jimplimentaw miżuri jew jindirizzaw sfidi fir-rigward tal-ġestjoni tal-migrazzjoni, il-kontroll u l-ġestjoni tal-fruntieri u s-sigurtà interna. Fejn xieraq, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tinvolvi wkoll lill-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni f'attivitajiet li għandhom l-għan li jiżguraw li l-miżuri appoġġati mill-appoġġ tal-Unjoni jikkonformaw mal-acquis rilevanti tal-Unjoni u l-prijoritajiet miftiehma tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 125
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jiżguraw li l-għarfien, l-għarfien espert u l-esperjenza tal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni jitqiesu fl-iżvilupp tal-Pjanijiet Nazzjonali u Reġjonali tal-Istati Membri u meta jimplimentaw miżuri jew jindirizzaw sfidi fir-rigward tal-ġestjoni tal-migrazzjoni***, il-kontroll u l-ġestjoni tal-fruntieri u s-sigurtà interna***. Fejn xieraq, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tinvolvi wkoll lill-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni f'attivitajiet li għandhom l-għan li jiżguraw li l-miżuri appoġġati mill-appoġġ tal-Unjoni jikkonformaw mal-acquis rilevanti tal-Unjoni u l-prijoritajiet miftiehma tal-Unjoni.	(8) Jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jiżguraw li l-għarfien, l-għarfien espert u l-esperjenza tal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni***, kif ukoll tal-organizzazzjonijiet internazzjonali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili rilevanti*** jitqiesu fl-iżvilupp tal-Pjanijiet Nazzjonali u Reġjonali tal-Istati Membri u meta jimplimentaw miżuri jew jindirizzaw sfidi fir-rigward tal-ġestjoni tal-migrazzjoni. Fejn xieraq, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tinvolvi wkoll lill-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni f'attivitajiet li għandhom l-għan li jiżguraw li l-miżuri appoġġati mill-appoġġ tal-Unjoni jikkonformaw mal-acquis rilevanti tal-Unjoni u l-prijoritajiet miftiehma tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 126
Sophie Wilmès, Malik Azmani, Fabienne Keller, Nathalie Loiseau, Hilde Vautmans

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jiżguraw li l-għarfien, l-għarfien espert u l-esperjenza tal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni jitqiesu fl-iżvilupp tal-Pjanijiet Nazzjonali u Reġjonali tal-Istati Membri u meta jimplimentaw miżuri jew jindirizzaw sfidi fir-rigward tal-ġestjoni tal-migrazzjoni, il-kontroll u l-ġestjoni tal-fruntieri u s-sigurtà interna. Fejn xieraq, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tinvolvi wkoll lill-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni f'attivitajiet li għandhom l-għan li jiżguraw li l-miżuri appoġġati mill-appoġġ tal-Unjoni jikkonformaw mal-acquis rilevanti tal-Unjoni u l-prijoritajiet miftiehma tal-Unjoni.	(8) Jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jiżguraw li l-għarfien, l-għarfien espert u l-esperjenza tal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni jitqiesu ***primarjament*** fl-iżvilupp tal-Pjanijiet Nazzjonali u Reġjonali tal-Istati Membri u meta jimplimentaw miżuri jew jindirizzaw sfidi fir-rigward tal-ġestjoni tal-migrazzjoni, il-kontroll u l-ġestjoni tal-fruntieri u s-sigurtà interna. Fejn xieraq, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tinvolvi wkoll lill-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni f'attivitajiet li għandhom l-għan li jiżguraw li l-miżuri appoġġati mill-appoġġ tal-Unjoni jikkonformaw mal-acquis rilevanti tal-Unjoni u l-prijoritajiet miftiehma tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 127
Erik Kaliňák, Katarína Roth Neveďalová

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jiżguraw li l-għarfien, l-għarfien espert u l-esperjenza tal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni jitqiesu fl-iżvilupp tal-Pjanijiet Nazzjonali u Reġjonali tal-Istati Membri u meta jimplimentaw miżuri jew jindirizzaw sfidi fir-rigward tal-ġestjoni tal-migrazzjoni, il-	(8) Jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jiżguraw li l-għarfien, l-għarfien espert u l-esperjenza tal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni jitqiesu fl-iżvilupp tal-Pjanijiet Nazzjonali u Reġjonali tal-Istati Membri u meta jimplimentaw miżuri jew jindirizzaw sfidi fir-rigward tal-ġestjoni tal-migrazzjoni, il-

kontroll u l-ġestjoni tal-fruntieri u s-sigurtà interna. Fejn xieraq, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tinvolvi wkoll lill-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni f'attivitajiet li għandhom l-għan li jiżguraw li l-miżuri appoġġati mill-appoġġ tal-Unjoni jikkonformaw mal-acquis rilevanti tal-Unjoni ***u l-prijoritajiet miftiehma tal-Unjoni***.	kontroll u l-ġestjoni tal-fruntieri u s-sigurtà interna. Fejn xieraq, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tinvolvi wkoll lill-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni f'attivitajiet li għandhom l-għan li jiżguraw li l-miżuri appoġġati mill-appoġġ tal-Unjoni jikkonformaw mal-acquis rilevanti tal-Unjoni.

Or. sk

Ġustifikazzjoni

Il-konformità mal-acquis tal-Unjoni tikkostitwixxi standard legali oġġettiv. B'kuntrast, it-terminu "prijoritajiet miftiehma tal-Unjoni" huwa kunċett politiku usa' li jista' jkun soġġett għal interpretazzjoni varjabbli. It-tħassir ta' dan il-kliem isaħħaħ iċ-ċertezza legali u jiffoka d-dispożizzjoni fuq il-konformità mad-dispożizzjonijiet legali vinkolanti.

Emenda 128
Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Jan-Christoph Oetjen, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) Minħabba n-natura interna tal-appoġġ tal-Unjoni, u bħala l-istrument ta' finanzjament ewlieni għall-ażil u l-migrazzjoni fil-livell tal-Unjoni, jenħtieġ li l-appoġġ tal-Unjoni primarjament jappoġġa azzjonijiet li jaqdu l-Politika interna tal-Unjoni dwar l-ażil u l-migrazzjoni f'konformità mal-objettivi tagħha.

Or. en

Emenda 129
Geadis Geadi

Proposta għal regolament
Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) Infakkru fir-reġistru elettroniku komuni EU-LISA u r-rwol importanti li jista' jkollu fil-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali.

Or. el

Emenda 130
Geadis Geadi

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Jenħtieġ li l-appoġġ tal-Unjoni jikkontribwixxi wkoll għall-implimentazzjoni ta' protezzjoni temporanja fir-rigward tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE[10] fil-każ ta' influss bil-massa ta' persuni spostati***, inkluż ta' protezzjoni temporanja*** introdotta u estiża b'deċiżjonijiet preċedenti tal-Kunsill, u l-implimentazzjoni ta' miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri li jospitaw tali persuni.	(9) Jenħtieġ li l-appoġġ tal-Unjoni jikkontribwixxi wkoll għall-implimentazzjoni ta' protezzjoni temporanja fir-rigward tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE[10] fil-każ ta' influss bil-massa ta' persuni spostati ***minn Stati Membri tal-UE jew stati ġirien, proporzjonali għall-popolazzjoni ta' kull pajjiż u b'rata li ma taqbiżx it-3 %, u se jinkludi protezzjoni temporanja*** introdotta u estiża b'deċiżjonijiet preċedenti tal-Kunsill, u l-implimentazzjoni ta' miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri li jospitaw tali persuni. ***Ninnotaw li persuni li ġejjin minn pajjiżi terzi sikuri jew li għaddew minn pajjiżi terzi sikuri jew jaslu fl-Unjoni permezz ta' reġimi mhux rikonoxxuti għandu jkollhom it-talba tagħhom għall-ażil miċħuda.***
[10] Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001 dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influss bil-massa ta' persuni spostati u dwar il-miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jġorru l-konsegwenzi ta' dawn, (ĠU L 212,	[10] Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001 dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influss bil-massa ta' persuni spostati u dwar il-miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jġorru l-konsegwenzi ta' dawn, (ĠU L 212,

7.8.2001, p. 12–23, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2001/55/oj).

7.8.2001, p. 12–23, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2001/55/oj).

Or. el

Emenda 131
Erik Kaliňák, Katarína Roth Neveďalová

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Jenħtieġ li l-appoġġ tal-Unjoni jikkontribwixxi wkoll għall-implimentazzjoni ta' protezzjoni temporanja fir-rigward tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE[10] fil-każ ta' influss bil-massa ta' persuni spostati, inkluż ta' protezzjoni temporanja introdotta u estiża b'deċiżjonijiet preċedenti tal-Kunsill***, u l-implimentazzjoni ta' miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri li jospitaw tali persuni***.	(9) Jenħtieġ li l-appoġġ tal-Unjoni jikkontribwixxi wkoll għall-implimentazzjoni ta' protezzjoni temporanja fir-rigward tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE[10] fil-każ ta' influss bil-massa ta' persuni spostati, inkluż ta' protezzjoni temporanja introdotta u estiża b'deċiżjonijiet preċedenti tal-Kunsill.
[10] Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001 dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influss bil-massa ta' persuni spostati u dwar il-miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jġorru l-konsegwenzi ta' dawn (ĠU L 212, 7.8.2001, p. 12–23, ELI:. http://data.europa.eu/eli/dir/2001/55/oj).	[10] Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001 dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influss bil-massa ta' persuni spostati u dwar il-miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jġorru l-konsegwenzi ta' dawn (ĠU L 212, 7.8.2001, p. 12–23, ELI:. http://data.europa.eu/eli/dir/2001/55/oj).

Or. sk

Ġustifikazzjoni

Il-fond inkwistjoni huwa maħsub biex jipprovdi finanzjament għal miżuri relatati mal-għoti ta' protezzjoni temporanja. Il-formulazzjoni ta' "bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri" tirrappreżenta kunċett politiku wiesa', li l-kontenut tiegħu mhux definit aktar. It-tħassir ta' din il-parti jżid iċ-ċarezza legali tad-dispożizzjoni mingħajr ma jaffettwa l-possibbiltà li jingħata appoġġ lil persuni li jgawdu minn protezzjoni temporanja.

Emenda 132
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Jenħtieġ li l-appoġġ tal-Unjoni jikkontribwixxi wkoll għall-implimentazzjoni ta' protezzjoni temporanja fir-rigward tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE[10] fil-każ ta' influss bil-massa ta' persuni spostati, inkluż ta' protezzjoni temporanja introdotta u estiża b'deċiżjonijiet preċedenti tal-Kunsill***, u l-implimentazzjoni ta' miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn*** l-Istati Membri ***li jospitaw tali persuni***.	(9) Jenħtieġ li l-appoġġ tal-Unjoni jikkontribwixxi wkoll għall-implimentazzjoni ta' protezzjoni temporanja fir-rigward tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE[10] fil-każ ta' influss bil-massa ta' persuni spostati, inkluż ta' protezzjoni temporanja introdotta u estiża b'deċiżjonijiet preċedenti tal-Kunsill ***għal ċittadini ta' pajjiżi fi gwerra li jaslu direttament minn dawk il-pajjiżi u li*** l-Istati Membri ***huma lesti li jaċċettaw***.
[10] Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001 dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influss bil-massa ta' persuni spostati u dwar il-miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jġorru l-konsegwenzi ta' dawn, (ĠU L 212, 7.8.2001, p. 12–23, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2001/55/oj).	[10] Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001 dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influss bil-massa ta' persuni spostati u dwar il-miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jġorru l-konsegwenzi ta' dawn, (ĠU L 212, 7.8.2001, p. 12–23, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2001/55/oj).

Or. pl

Emenda 133
Loucas Fourlas, Fredis Beleris, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Tomáš Zdechovský, Alice Teodorescu Måwe, Loránt Vincze, Henrik Dahl, Emil Radev

Proposta għal regolament
Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9a) L-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jikkontribwixxi għaż-żieda fl-effettività

tal-politika dwar ir-ritorn, bħala komponent essenzjali ta' sistema tal-migrazzjoni li tiffunzjona tajjeb. B'mod partikolari, jenħtieġ li jappoġġa lill-Istati Membri fl-iżgurar ta' ritorni rapidi, effiċjenti u sostenibbli, inkluż permezz ta' kooperazzjoni msaħħa ma' pajjiżi terzi dwar ir-riammissjoni u r-riintegrazzjoni.

Or. en

Emenda 134
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Jenħtieġ li l-Istati Membri jibnu fuq il-prinċipju tas-sħubija fl-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni biex tiġi żgurata l-kontinwità fl-approċċ ta' governanza.	(10) Jenħtieġ li l-Istati Membri jibnu fuq il-prinċipju tas-sħubija fl-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni biex tiġi żgurata l-kontinwità fl-approċċ ta' governanza. ***Peress li l-prinċipju tas-sħubija huwa partikolarment importanti fil-kuntest tal-politiki dwar l-ażil, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni, l-Istat Membru jenħtieġ li jagħti dettalji dwar il-kompożizzjoni tas-sħubijiet tagħhom kif ukoll id-deskrizzjoni tal-arranġamenti ta' sħubija sa fejn dawn huma relatati mal-istrument għall-ażil, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni għall-appoġġ. Jenħtieġ li dawk id-dettalji jkunu disponibbli għall-pubbliku mill-Istat Membru fuq talba.***

Or. en

Emenda 135
Loucas Fourlas, Tomáš Zdechovský, Alice Teodorescu Måwe, Loránt Vincze, Henrik Dahl, Emil Radev

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Jenħtieġ li l-Istati Membri jibnu fuq il-prinċipju tas-sħubija fl-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni biex tiġi żgurata l-kontinwità fl-approċċ ta' governanza.	(10) Jenħtieġ li l-Istati Membri jibnu fuq il-prinċipju tas-sħubija fl-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni biex tiġi żgurata l-kontinwità fl-approċċ ta' governanza***, inkluż billi jiżguraw l-involviment xieraq tal-awtoritajiet reġjonali u lokali fit-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tal-Istati Membri, skont l-oqfsa istituzzjonali speċifiċi***.

Or. en

Emenda 136
Erik Kaliňák, Katarína Roth Neveďalová

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Jenħtieġ li l-Istati Membri jibnu fuq il-prinċipju tas-sħubija fl-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni biex tiġi żgurata l-kontinwità fl-approċċ ta' governanza.	(10) Jenħtieġ li l-Istati Membri jibnu fuq il-prinċipju tas-sħubija fl-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni biex tiġi żgurata l-kontinwità fl-approċċ ta' governanza***, mingħajr ma dak il-prinċipju jinvolvi obbligu li jinvolvu kategoriji speċifiċi ta' organizzazzjonijiet jew korpi***.

Or. sk

Ġustifikazzjoni

Il-prinċipju tas-sħubija ma għandux joħloq intitolament awtomatiku għal ċerti entitajiet biex jipparteċipaw fl-ippjanar jew l-implimentazzjoni tal-programm. L-għażla tas-sħab rilevanti għandha tiġi deċiża mill-Istati Membri skont il-ħtiġijiet u l-kundizzjonijiet organizzazzjonali tagħhom.

Emenda 137
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) L-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jikkontribwixxi biex jiġu żgurati l-konsistenza, il-koerenza, is-sinerġiji u l-komplementarjetajiet bejn il-politiki interni u esterni tal-Unjoni. Hija meħtieġa koerenza akbar bejn il-politiki dwar il-migrazzjoni, l-ażil, ir-ritorn u dawk esterni u huwa importanti li jiġi żgurat li l-assistenza esterna tal-Unjoni u l-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jikkontribwixxu għal approċċ koordinat, olistiku u strutturat għall-migrazzjoni, filwaqt li jimmassimizzaw is-sinerġiji u jżidu l-influwenza. L-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jista' jinkludi wkoll appoġġ għar-riżorsi rilevanti tad-delegazzjonijiet tal-UE f'każijiet debitament ġustifikati, u jkun ikkoordinat bejn l-istati Membri u l-Kummissjoni fl-istadji ta' programmazzjoni u implimentazzjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 138
Loucas Fourlas, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Fredis Beleris, Tomáš Zdechovský, Alice Teodorescu Måwe, Loránt Vincze, Henrik Dahl, Emil Radev

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) L-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jikkontribwixxi biex jiġu żgurati l-konsistenza, il-koerenza, is-sinerġiji u l-komplementarjetajiet bejn il-politiki interni u esterni tal-Unjoni. Hija meħtieġa koerenza akbar bejn il-politiki dwar il-migrazzjoni, l-ażil, ir-ritorn u dawk esterni u huwa importanti li jiġi żgurat li l-assistenza esterna tal-Unjoni u l-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jikkontribwixxu għal approċċ koordinat,	(11) L-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jikkontribwixxi biex jiġu żgurati l-konsistenza, il-koerenza, is-sinerġiji u l-komplementarjetajiet bejn il-politiki interni u esterni tal-Unjoni***. Huwa importanti li l-Kummissjoni tiżgura koordinazzjoni ma' fondi rilevanti oħra tal-UE, bħall-Fond għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Istrument tal-Viża u l-Fond għas-Sigurtà Interna, biex timmassimizza l-impatt tal-finanzjament tal-UE u tevita d-***

olistiku u strutturat għall-migrazzjoni, filwaqt li jimmassimizzaw is-sinerġiji u jżidu l-influwenza. L-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jista' jinkludi wkoll appoġġ għar-riżorsi rilevanti tad-delegazzjonijiet tal-UE ***f'każijiet debitament ġustifikati***, u jkun ikkoordinat bejn l-istati Membri u l-Kummissjoni fl-istadji ta' programmazzjoni u implimentazzjoni.

duplikazzjoni. Hija meħtieġa koerenza akbar bejn il-politiki dwar il-migrazzjoni, l-ażil, ir-ritorn u dawk esterni u huwa importanti li jiġi żgurat li l-assistenza esterna tal-Unjoni u l-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jikkontribwixxu għal approċċ koordinat, olistiku u strutturat għall-migrazzjoni, filwaqt li jimmassimizzaw is-sinerġiji u jżidu l-influwenza***, biex tiġi segwita kooperazzjoni sinifikattiva u orjentata lejn ir-riżultati ma' pajjiżi terzi u ma' partijiet ikkonċernati rilevanti***. L-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jista' jinkludi ***azzjonijiet imwettqa f'pajjiżi terzi u jista' jinkludi*** wkoll appoġġ għar-riżorsi rilevanti tad-delegazzjonijiet tal-UE, u jkun ikkoordinat bejn l-istati Membri u l-Kummissjoni fl-istadji ta' programmazzjoni u implimentazzjoni.

Or. en

Emenda 139
Geadis Geadi

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) L-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jikkontribwixxi biex jiġu żgurati l-konsistenza, il-koerenza, is-sinerġiji u l-komplementarjetajiet bejn il-politiki interni u esterni tal-Unjoni. Hija meħtieġa koerenza akbar bejn il-politiki dwar il-migrazzjoni, l-ażil, ir-ritorn u dawk esterni u huwa importanti li jiġi żgurat li l-assistenza esterna tal-Unjoni u l-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jikkontribwixxu għal approċċ koordinat, olistiku u strutturat għall-migrazzjoni, filwaqt li ***jimmassimizzaw is-sinerġiji u jżidu l-influwenza***. L-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jista' jinkludi wkoll appoġġ għar-riżorsi rilevanti tad-	(11) L-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jikkontribwixxi biex jiġu żgurati l-konsistenza, il-koerenza, is-sinerġiji u l-komplementarjetajiet bejn il-politiki interni u esterni tal-Unjoni. Hija meħtieġa koerenza akbar bejn il-politiki dwar il-migrazzjoni, l-ażil, ir-ritorn u dawk esterni u huwa importanti li jiġi żgurat li l-assistenza esterna tal-Unjoni u l-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jikkontribwixxu għal approċċ koordinat, olistiku u strutturat għall-migrazzjoni, ***li se jagħixxi bħala deterrent għall-immigrazzjoni illegali,*** filwaqt li ***jimmassimizza l-politiki li jagħixxu bħala deterrent għall-NGOs u dawk li***

delegazzjonijiet tal-UE f'każijiet debitament ġustifikati, u jkun ikkoordinat bejn l-istati Membri u l-Kummissjoni fl-istadji ta' programmazzjoni u implimentazzjoni.	***jikkummerċjalizzaw l-immigrazzjoni illegali għal arrikkiment illegali***. L-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jista' jinkludi wkoll appoġġ għar-riżorsi rilevanti tad-delegazzjonijiet tal-UE f'każijiet debitament ġustifikati, u jkun ikkoordinat bejn l-istati Membri u l-Kummissjoni fl-istadji ta' programmazzjoni u implimentazzjoni.
	Or. el

Emenda 140
Erik Kaliňák, Katarína Roth Neveďalová

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) L-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jikkontribwixxi biex jiġu żgurati l-konsistenza, il-koerenza, is-sinerġiji u l-komplementarjetajiet bejn il-politiki interni u esterni tal-Unjoni. Hija meħtieġa koerenza akbar bejn il-politiki dwar il-migrazzjoni, l-ażil, ir-ritorn u dawk esterni u huwa importanti li jiġi żgurat li l-assistenza esterna tal-Unjoni u l-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jikkontribwixxu għal ***approċċ koordinat, olistiku u strutturat għall-migrazzjoni, filwaqt li jimmassimizzaw is-sinerġiji u jżidu l-influwenza***. ***L-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jista' jinkludi wkoll appoġġ għar-riżorsi rilevanti tad-delegazzjonijiet tal-UE f'każijiet debitament ġustifikati, u jkun ikkoordinat*** bejn l-istati Membri u l-Kummissjoni fl-istadji ta' programmazzjoni u implimentazzjoni.	(11) L-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jikkontribwixxi biex jiġu żgurati l-konsistenza, il-koerenza, is-sinerġiji u l-komplementarjetajiet bejn il-politiki interni u esterni tal-Unjoni. Hija meħtieġa koerenza akbar bejn il-politiki dwar il-migrazzjoni, l-ażil, ir-ritorn u dawk esterni u huwa importanti li jiġi żgurat li l-assistenza esterna tal-Unjoni u l-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jikkontribwixxu għal ***ġestjoni kkoordinata u effettiva tal-migrazzjoni, il-prevenzjoni tal-migrazzjoni irregolari, il-kooperazzjoni dwar ir-ritorni u l-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti***. ***Jista' jkun hemm koordinazzjoni*** bejn l-istati Membri u l-Kummissjoni fl-istadji ta' programmazzjoni u implimentazzjoni.
	Or. sk

Ġustifikazzjoni

It-termini "approċċ olistiku", "jimmassimizzaw is-sinerġiji" u "jżidu l-influwenza" huma vagi u ma jipprovdux gwida suffiċjenti għall-użu tal-fondi. L-emenda proposta tissostitwihom b'objettivi speċifiċi fl-oqsma tal-ġestjoni tal-migrazzjoni, ir-ritorni u l-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin. Il-Fond AMIF huwa primarjament maħsub biex jappoġġa l-azzjonijiet tal-Istati Membri, filwaqt li l-finanzjament tad-delegazzjonijiet tal-UE jaqa' taħt l-istrumenti ta' azzjoni esterna tal-Unjoni. L-emenda żżid iċ-ċertezza legali u t-trasparenza fl-użu tal-fond.

Emenda 141
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) L-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jikkontribwixxi biex jiġu żgurati l-konsistenza, il-koerenza, is-sinerġiji u l-komplementarjetajiet bejn il-politiki interni u esterni tal-Unjoni. Hija meħtieġa koerenza akbar bejn il-politiki dwar il-migrazzjoni, l-ażil, ir-ritorn u dawk esterni u huwa importanti li jiġi żgurat li l-assistenza esterna tal-Unjoni u l-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jikkontribwixxu għal approċċ koordinat, olistiku u strutturat ***għall-migrazzjoni***, filwaqt li jimmassimizzaw is-sinerġiji u jżidu l-influwenza. L-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jista' jinkludi wkoll appoġġ għar-riżorsi rilevanti tad-delegazzjonijiet tal-UE f'każijiet debitament ġustifikati, u jkun ikkoordinat bejn l-istati Membri u l-Kummissjoni fl-istadji ta' programmazzjoni u implimentazzjoni.	(11) L-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jikkontribwixxi biex jiġu żgurati l-konsistenza, il-koerenza, is-sinerġiji u l-komplementarjetajiet bejn il-politiki interni u esterni tal-Unjoni. Hija meħtieġa koerenza akbar bejn il-politiki dwar il-migrazzjoni, l-ażil, ir-ritorn u dawk esterni u huwa importanti li jiġi żgurat li l-assistenza esterna tal-Unjoni u l-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jikkontribwixxu għal approċċ koordinat, olistiku u strutturat ***iffukat fuq il-ġlieda kontra l-migrazzjoni illegali***, filwaqt li jimmassimizzaw is-sinerġiji u jżidu l-influwenza. L-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jista' jinkludi wkoll appoġġ għar-riżorsi rilevanti tad-delegazzjonijiet tal-UE f'każijiet debitament ġustifikati, u jkun ikkoordinat bejn l-istati Membri u l-Kummissjoni fl-istadji ta' programmazzjoni u implimentazzjoni.

Or. pl

Emenda 142
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) L-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jikkontribwixxi biex jiġu żgurati l-konsistenza, il-koerenza, is-sinerġiji u l-komplementarjetajiet bejn il-politiki interni u esterni tal-Unjoni. Hija meħtieġa koerenza akbar bejn il-politiki dwar il-migrazzjoni, l-ażil, ir-ritorn u dawk esterni ***u huwa importanti li*** jiġi żgurat li ***l-assistenza esterna tal-Unjoni u l-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jikkontribwixxu għal approċċ koordinat, olistiku u strutturat għall-migrazzjoni, filwaqt li jimmassimizzaw is-sinerġiji u jżidu l-influwenza. L-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jista' jinkludi wkoll appoġġ għar-riżorsi rilevanti tad-delegazzjonijiet tal-UE f'każijiet debitament ġustifikati, u jkun ikkoordinat bejn l-istati Membri u l-Kummissjoni fl-istadji ta' programmazzjoni u implimentazzjoni***.	(11) L-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jikkontribwixxi biex jiġu żgurati l-konsistenza, il-koerenza, is-sinerġiji u l-komplementarjetajiet bejn il-politiki interni u esterni tal-Unjoni. Hija meħtieġa koerenza akbar bejn il-politiki dwar il-migrazzjoni, l-ażil, ir-ritorn u dawk esterni ***inklużi l-kummerċ, l-iżvilupp, l-esportazzjoni tal-armi u l-politika estera u ta' sigurtà biex*** jiġi żgurat li ***dawk il-politiki ma jikkontribwux għat-trawwim tal-kawżi fundamentali tal-ispostament furzat, bħall-faqar, l-inugwaljanza, il-kunflitt armat jew l-isfruttament tar-riżorsi naturali. Għalhekk, huwa essenzjali li l-kooperazzjoni għall-iżvilupp ma tkunx ikkundizzjonata fuq il-kooperazzjoni dwar ir-ritorn jew ir-riammissjoni jew is-sorveljanza tal-fruntieri minn pajjiżi terzi***.

Or. en

Emenda 143
Geadis Geadi

Proposta għal regolament
Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11a) Jenħtieġ li l-appoġġ tal-Unjoni ma joħloqx inċentivi għall-immigrazzjoni illegali. Il-finanzjament jenħtieġ li jkun dirett lejn miżuri li jsaħħu d-deterrenza kontra l-immigrazzjoni illegali, iżidu r-rati ta' ritorn u jappoġġaw lill-Istati Membri fl-applikazzjoni effettiva u mingħajr dewmien żejjed tal-acquis tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 144
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) L-Ewropa trid tipproteġi l-interessi tas-sigurtà tagħha kontra fornituri li jistgħu jirrappreżentaw riskju persistenti għas-sigurtà minħabba l-interferenza potenzjali minn pajjiżi terzi kif ukoll il-prattiki taċ-ċibersigurtà tagħhom. Għalhekk huwa meħtieġ li jitnaqqas ir-riskju ta' dipendenza persistenti fuq fornituri b'riskju għoli fis-suq intern, peress li dawn jista' jkollhom impatti negattivi potenzjalment serji fuq is-sigurtà għall-utenti, il-kumpaniji u l-awtoritajiet madwar l-UE f'termini tal-integrità tad-data u s-servizzi kif ukoll id-disponibbiltà tas-servizz. Jenħtieġ li din l-esklużjoni tkun ibbażata fuq valutazzjoni tar-riskju proporzjonata u miżuri ta' mitigazzjoni assoċjati kif definiti fil-politiki u l-liġijiet tal-Unjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 145
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) L-Ewropa trid tipproteġi l-interessi tas-sigurtà tagħha kontra fornituri li jistgħu jirrappreżentaw riskju persistenti għas-sigurtà minħabba l-interferenza potenzjali minn pajjiżi terzi kif ukoll il-prattiki taċ-ċibersigurtà tagħhom. Għalhekk huwa meħtieġ li jitnaqqas ir-	***imħassar***

riskju ta' dipendenza persistenti fuq fornituri b'riskju għoli fis-suq intern, peress li dawn jista' jkollhom impatti negattivi potenzjalment serji fuq is-sigurtà għall-utenti, il-kumpaniji u l-awtoritajiet madwar l-UE f'termini tal-integrità tad-data u s-servizzi kif ukoll id-disponibbiltà tas-servizz. Jenħtieġ li din l-esklużjoni tkun ibbażata fuq valutazzjoni tar-riskju proporzjonata u miżuri ta' mitigazzjoni assoċjati kif definiti fil-politiki u l-liġijiet tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 146
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) L-Ewropa trid tipproteġi l-interessi tas-sigurtà tagħha kontra fornituri li jistgħu jirrappreżentaw riskju persistenti għas-sigurtà minħabba l-interferenza potenzjali minn pajjiżi terzi kif ukoll il-prattiki taċ-ċibersigurtà tagħhom. Għalhekk huwa meħtieġ li jitnaqqas ir-riskju ta' dipendenza persistenti fuq fornituri b'riskju għoli fis-suq intern, peress li dawn jista' jkollhom impatti negattivi potenzjalment serji fuq is-sigurtà għall-utenti, il-kumpaniji u l-awtoritajiet madwar l-UE ***f'termini tal-integrità tad-data u s-servizzi kif ukoll id-disponibbiltà tas-servizz***. Jenħtieġ li din l-esklużjoni tkun ibbażata fuq valutazzjoni tar-riskju proporzjonata u miżuri ta' mitigazzjoni assoċjati kif definiti fil-politiki u l-liġijiet tal-Unjoni.	(12) L-Ewropa trid tipproteġi l-interessi tas-sigurtà tagħha kontra fornituri li jistgħu jirrappreżentaw riskju persistenti għas-sigurtà minħabba l-interferenza potenzjali minn pajjiżi terzi kif ukoll il-prattiki taċ-ċibersigurtà tagħhom. Għalhekk huwa meħtieġ li jitnaqqas ir-riskju ta' dipendenza persistenti fuq fornituri b'riskju għoli fis-suq intern, peress li dawn jista' jkollhom impatti negattivi potenzjalment serji fuq is-sigurtà għall-utenti, il-kumpaniji u l-awtoritajiet madwar l-UE. Jenħtieġ li din l-esklużjoni tkun ibbażata fuq valutazzjoni tar-riskju proporzjonata u miżuri ta' mitigazzjoni assoċjati kif definiti fil-politiki u l-liġijiet tal-Unjoni***, kif ukoll fuq valutazzjonijiet interni mill-Istati Membri***.

Or. fi

Emenda 147

Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Ir-risistemazzjoni u l-ammissjoni umanitarja huma alternattivi sikuri u legali għall-migrazzjoni irregolari u għodda ta' solidarjetà Ewropea ma' pajjiżi li mhumiex Stati Membri u li jospitaw għadd kbir ta' persuni li qed jaħarbu mill-gwerra jew mill-persekuzzjoni. L-isforzi ta' risistemazzjoni u ammissjoni umanitarja mill-Istati Membri mwettqa fil-qafas tar-Regolament (UE) 2024/1350 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11] jenħtieġ li jiġu appoġġati minn finanzjament xieraq mill-baġit tal-Unjoni. Fid-dawl tan-natura speċifika tal-appoġġ meħtieġ għall-finijiet ta' risistemazzjoni u ammissjoni umanitarja u għat-trasferiment ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali jew ta' benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, huwa meħtieġ li f'dan ir-Regolament jiġu previsti ammonti identifikati minn qabel għal kull unità għal tali appoġġ.	***imħassar***

[11] Ir-Regolament (UE) 2024/1350 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jistabbilixxi Qafas tal-Unjoni għar-Risistemazzjoni u l-Ammissjoni Umanitarja, u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1147 (ĠU L, 2024/1350, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1350/oj, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2008/381/oj).

Or. fi

Emenda 148
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Ir-risistemazzjoni u l-ammissjoni umanitarja huma ***alternattivi sikuri u legali għall-migrazzjoni irregolari u*** għodda ta' solidarjetà Ewropea ma' pajjiżi li mhumiex Stati Membri u li jospitaw għadd kbir ta' persuni li qed jaħarbu mill-gwerra jew mill-persekuzzjoni. ***L-isforzi ta' risistemazzjoni u ammissjoni umanitarja mill-Istati Membri mwettqa fil-qafas tar-Regolament (UE) 2024/1350 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11] jenħtieġ li jiġu appoġġati minn finanzjament xieraq mill-baġit tal-Unjoni. Fid-dawl tan-natura speċifika tal-appoġġ meħtieġ għall-finijiet ta' risistemazzjoni u ammissjoni umanitarja u għat-trasferiment ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali jew ta' benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, huwa meħtieġ li f'dan ir-Regolament jiġu previsti ammonti identifikati minn qabel għal kull unità għal tali appoġġ.***	(13) Ir-risistemazzjoni u l-ammissjoni umanitarja***, ibbażati fuq deċiżjonijiet indipendenti mill-Istati Membri,*** huma għodda ta' solidarjetà Ewropea ma' pajjiżi li mhumiex Stati Membri u li jospitaw għadd kbir ta' persuni li qed jaħarbu mill-gwerra jew mill-persekuzzjoni.

[11] Ir-Regolament (UE) 2024/1350 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jistabbilixxi Qafas tal-Unjoni għar-Risistemazzjoni u l-Ammissjoni Umanitarja, u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1147, (ĠU L, 2024/1350, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1350/oj, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2008/381/oj).

Or. pl

Emenda 149
Erik Kaliňák, Katarína Roth Neveďalová

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) ***Ir-risistemazzjoni u l-ammissjoni umanitarja huma alternattivi sikuri u legali għall-migrazzjoni irregolari u għodda ta' solidarjetà Ewropea ma' pajjiżi li mhumiex Stati Membri u li jospitaw għadd kbir ta' persuni li qed jaħarbu mill-gwerra jew mill-persekuzzjoni.*** L-isforzi ta' risistemazzjoni u ammissjoni umanitarja mill-Istati Membri mwettqa fil-qafas tar-Regolament (UE) 2024/1350 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11] jenħtieġ li jiġu appoġġati minn finanzjament xieraq mill-baġit tal-Unjoni. Fid-dawl tan-natura speċifika tal-appoġġ meħtieġ għall-finijiet ta' risistemazzjoni u ammissjoni umanitarja u għat-trasferiment ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali jew ta' benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, huwa meħtieġ li f'dan ir-Regolament jiġu previsti ammonti identifikati minn qabel għal kull unità għal tali appoġġ.	(13) L-isforzi ta' risistemazzjoni u ammissjoni umanitarja mill-Istati Membri mwettqa fil-qafas tar-Regolament (UE) 2024/1350 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11] jenħtieġ li jiġu appoġġati minn finanzjament xieraq mill-baġit tal-Unjoni***, li jikkorrispondi għall-kostijiet attwali mġarrba u l-kapaċitajiet tal-Istati Membri***. Fid-dawl tan-natura speċifika tal-appoġġ meħtieġ għall-finijiet ta' risistemazzjoni u ammissjoni umanitarja u għat-trasferiment ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali jew ta' benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, huwa meħtieġ li f'dan ir-Regolament jiġu previsti ammonti identifikati minn qabel għal kull unità għal tali appoġġ.
[11] Ir-Regolament (UE) 2024/1350 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jistabbilixxi Qafas tal-Unjoni għar-Risistemazzjoni u l-Ammissjoni Umanitarja, u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1147, (ĠU L, 2024/1350, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1350/oj, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2008/381/oj).	[11] Ir-Regolament (UE) 2024/1350 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jistabbilixxi Qafas tal-Unjoni għar-Risistemazzjoni u l-Ammissjoni Umanitarja, u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1147, (ĠU L, 2024/1350, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1350/oj, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2008/381/oj).

Or. sk

Ġustifikazzjoni

L-ewwel sentenza ma fiha l-ebda element meħtieġ biex tispjega l-funzjonament tal-mekkaniżmu finanzjarju u tikkostitwixxi valutazzjoni politika tar-risistemazzjoni u l-ammissjoni umanitarja. It-tħassir ta' dan il-kliem ma jbiddilx il-kontenut legali tar-regolament jew is-sistema ta' finanzjament. Barra minn hekk, il-finanzjament għandu jkun

marbut mal-ħtiġijiet oġġettivi u l-kostijiet reali tal-Istati Membri. Għalhekk, l-emenda proposta ssaħħaħ ukoll it-trasparenza u l-effiċjenza tal-użu tal-fondi tal-Unjoni.

Emenda 150
Geadis Geadi

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Ir-risistemazzjoni ***u l-ammissjoni umanitarja huma alternattivi sikuri*** u legali ***għall-migrazzjoni irregolari u għodda ta' solidarjetà Ewropea ma'*** pajjiżi li mhumiex Stati Membri u li jospitaw għadd kbir ta' persuni li qed jaħarbu mill-gwerra jew mill-persekuzzjoni. ***L-isforzi ta' risistemazzjoni u ammissjoni umanitarja mill-Istati Membri mwettqa fil-qafas tar-Regolament (UE) 2024/1350 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[11] jenħtieġ li jiġu appoġġati minn finanzjament xieraq mill-baġit tal-Unjoni. Fid-dawl tan-natura speċifika tal-appoġġ meħtieġ għall-finijiet ta' risistemazzjoni u ammissjoni umanitarja u għat-trasferiment ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali jew ta' benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, huwa meħtieġ li f'dan ir-Regolament jiġu previsti ammonti identifikati minn qabel għal kull unità għal tali appoġġ.	(13) Ir-risistemazzjoni ***tan-nies f'pajjiżhom stess għal raġunijiet umanitarji hija l-alternattiva l-aktar sikura u*** legali***, li jenħtieġ li tiġi kkunsidrata fl-ewwel istanza u se tipprevjeni l-immigrazzjoni illegali***. ***L-appoġġ finanzjarju mill-Ewropa jenħtieġ li jkun lejn*** pajjiżi ***sikuri*** li mhumiex Stati Membri u li jospitaw għadd kbir ta' persuni ***f'Ċentri ta' Akkoljenza speċjali*** li qed jaħarbu mill-gwerra jew mill-persekuzzjoni***, li*** jenħtieġ li jiġu appoġġati minn finanzjament xieraq mill-baġit tal-Unjoni. Fid-dawl tan-natura speċifika tal-appoġġ meħtieġ għall-finijiet ta' risistemazzjoni u ammissjoni umanitarja u għat-trasferiment ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali jew ta' benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, huwa meħtieġ li f'dan ir-Regolament jiġu previsti ammonti identifikati minn qabel għal kull unità għal tali appoġġ.

11 Ir-Regolament (UE) 2024/1350 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jistabbilixxi Qafas tal-Unjoni għar-Risistemazzjoni u l-Ammissjoni Umanitarja, u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1147 (ĠU L, 2024/1350, 22.5.2024, ELI: ***http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1350/oj, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2008/381/oj).***

Or. el

Emenda 151
Jorge Buxadé Villalba, Marieke Ehlers, Susanna Ceccardi

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Ir-risistemazzjoni u l-ammissjoni umanitarja huma alternattivi sikuri u legali ***għall-migrazzjoni irregolari*** u għodda ta' solidarjetà Ewropea ma' pajjiżi li mhumiex Stati Membri u li jospitaw għadd kbir ta' persuni li qed jaħarbu mill-gwerra jew mill-persekuzzjoni. L-isforzi ta' risistemazzjoni u ammissjoni umanitarja mill-Istati Membri mwettqa fil-qafas tar-Regolament (UE) 2024/1350 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11] jenħtieġ li ***jiġu appoġġati*** minn finanzjament xieraq mill-baġit tal-Unjoni. Fid-dawl tan-natura speċifika tal-appoġġ meħtieġ għall-finijiet ta' risistemazzjoni u ammissjoni umanitarja u għat-trasferiment ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali jew ta' benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, huwa meħtieġ li f'dan ir-Regolament jiġu previsti ammonti identifikati minn qabel għal kull unità għal tali appoġġ.	(13) Ir-risistemazzjoni u l-ammissjoni umanitarja huma alternattivi sikuri u legali ***għall-immigrazzjoni illegali*** u għodda ta' solidarjetà Ewropea ma' pajjiżi li mhumiex Stati Membri u li jospitaw għadd kbir ta' persuni li qed jaħarbu mill-gwerra jew mill-persekuzzjoni. L-isforzi ta' risistemazzjoni u ammissjoni umanitarja mill-Istati Membri mwettqa fil-qafas tar-Regolament (UE) 2024/1350 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11] ***huma strettament volontarji u*** jenħtieġ li ***jkunu eliġibbli għal appoġġ*** minn finanzjament xieraq mill-baġit tal-Unjoni. Fid-dawl tan-natura speċifika tal-appoġġ meħtieġ għall-finijiet ta' risistemazzjoni u ammissjoni umanitarja u għat-trasferiment ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali jew ta' benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, huwa meħtieġ li f'dan ir-Regolament jiġu previsti ammonti identifikati minn qabel għal kull unità għal tali appoġġ.
[11] Ir-Regolament (UE) 2024/1350 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jistabbilixxi Qafas tal-Unjoni għar-Risistemazzjoni u l-Ammissjoni Umanitarja, u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1147, (ĠU L, 2024/1350, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1350/oj , ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2008/381/oj).	[11] Ir-Regolament (UE) 2024/1350 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jistabbilixxi Qafas tal-Unjoni għar-Risistemazzjoni u l-Ammissjoni Umanitarja, u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1147, (ĠU L, 2024/1350, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1350/oj, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2008/381/oj).

Or. en

Emenda 152
Loucas Fourlas, Emil Radev, Tomáš Zdechovský, Alice Teodorescu Måwe, Loránt Vincze, Henrik Dahl

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Ir-risistemazzjoni u l-ammissjoni umanitarja huma alternattivi sikuri u legali għall-migrazzjoni ***irregolari*** u għodda ta' solidarjetà Ewropea ma' pajjiżi li mhumiex Stati Membri u li jospitaw għadd kbir ta' persuni li qed jaħarbu mill-gwerra jew mill-persekuzzjoni. L-isforzi ta' risistemazzjoni u ammissjoni umanitarja mill-Istati Membri mwettqa fil-qafas tar-Regolament (UE) 2024/1350 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11] jenħtieġ li jiġu appoġġati minn finanzjament xieraq mill-baġit tal-Unjoni. Fid-dawl tan-natura speċifika tal-appoġġ meħtieġ għall-finijiet ta' risistemazzjoni u ammissjoni umanitarja u għat-trasferiment ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali jew ta' benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, huwa meħtieġ li f'dan ir-Regolament jiġu previsti ammonti identifikati minn qabel għal kull unità għal tali appoġġ.	(13) Ir-risistemazzjoni u l-ammissjoni umanitarja huma alternattivi sikuri u legali għall-migrazzjoni ***illegali*** u għodda ta' solidarjetà Ewropea ma' pajjiżi li mhumiex Stati Membri u li jospitaw għadd kbir ta' persuni li qed jaħarbu mill-gwerra jew mill-persekuzzjoni. L-isforzi ta' risistemazzjoni u ammissjoni umanitarja mill-Istati Membri mwettqa fil-qafas tar-Regolament (UE) 2024/1350 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11] jenħtieġ li jiġu appoġġati minn finanzjament xieraq mill-baġit tal-Unjoni. Fid-dawl tan-natura speċifika tal-appoġġ meħtieġ għall-finijiet ta' risistemazzjoni u ammissjoni umanitarja u għat-trasferiment ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali jew ta' benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, huwa meħtieġ li f'dan ir-Regolament jiġu previsti ammonti identifikati minn qabel għal kull unità għal tali appoġġ.
[11] Ir-Regolament (UE) 2024/1350 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jistabbilixxi Qafas tal-Unjoni għar-Risistemazzjoni u l-Ammissjoni Umanitarja, u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1147, (ĠU L, 2024/1350, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1350/oj , ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2008/381/oj).	[11] Ir-Regolament (UE) 2024/1350 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jistabbilixxi Qafas tal-Unjoni għar-Risistemazzjoni u l-Ammissjoni Umanitarja, u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1147, (ĠU L, 2024/1350, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1350/oj, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2008/381/oj).

Or. en

Emenda 153

Loucas Fourlas, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Fredis Beleris, Loránt Vincze, Henrik Dahl

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Minħabba li l-Istati Membri soġġetti għal pressjoni migratorja jenħtieġ li jkunu jistgħu jiddependu fuq l-appoġġ tal-Unjoni, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli sabiex jagħmel disponibbli għall-Istati Membri benefiċjarji s-sehem rispettiv tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji inklużi fir-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà stabbilita bir-Regolament (UE) 2024/1351[13] .	(15) Minħabba li l-Istati Membri soġġetti għal pressjoni migratorja jenħtieġ li jkunu jistgħu jiddependu fuq l-appoġġ tal-Unjoni, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli sabiex jagħmel disponibbli għall-Istati Membri benefiċjarji s-sehem rispettiv tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji inklużi fir-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà stabbilita bir-Regolament (UE) 2024/1351[13]. ***Dan jenħtieġ li japplika b'mod partikolari għall-Istati Membri fil-fruntieri esterni tal-Unjoni, bħal Ċipru, li jiffaċċjaw pressjonijiet migratorji speċifiċi u sostnuti li jirriżultaw minn prossimità ġeografika ma' pajjiżi terzi, inkluż fir-rigward taż-żona tal-Linja l-Ħadra, ir-rotot marittimi u ż-żoni okkupati li mhumiex taħt il-kontroll effettiv tar-Repubblika ta' Ċipru.***
[13] Ir-Regolament (UE) 2024/1351 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar il-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1147, u (UE) 2021/1060 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 604/2013, ĠU L, 2024/1351, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1351/oj).	[13] Ir-Regolament (UE) 2024/1351 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar il-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1147, u (UE) 2021/1060 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 604/2013, ĠU L, 2024/1351, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1351/oj).

Or. en

Emenda 154
Erik Kaliňák, Katarína Roth Neveďalová

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Minħabba li l-Istati Membri soġġetti għal pressjoni migratorja jenħtieġ li jkunu jistgħu jiddependu fuq l-appoġġ tal-Unjoni, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli sabiex jagħmel disponibbli għall-Istati Membri benefiċjarji s-sehem rispettiv tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji inklużi fir-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà stabbilita bir-Regolament (UE) 2024/1351[13].	(15) Minħabba li l-Istati Membri soġġetti għal pressjoni migratorja jenħtieġ li jkunu jistgħu jiddependu fuq l-appoġġ tal-Unjoni, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli sabiex jagħmel disponibbli għall-Istati Membri benefiċjarji s-sehem rispettiv tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji inklużi fir-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà stabbilita bir-Regolament (UE) 2024/1351[13] ***abbażi ta' pressjoni migratorja murija b'mod oġġettiv u l-ħtiġijiet attwali tal-Istati Membri kkonċernati***.
[13] Ir-Regolament (UE) 2024/1351 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar il-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1147, u (UE) 2021/1060 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 604/2013, ĠU L, 2024/1351, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1351/oj).	[13] Ir-Regolament (UE) 2024/1351 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar il-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1147, u (UE) 2021/1060 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 604/2013, ĠU L, 2024/1351, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1351/oj).

Or. sk

Ġustifikazzjoni

L-aċċess għall-fondi mir-Riżerva ta' Solidarjetà għandu jkun ibbażat fuq kriterji trasparenti u oġġettivi. L-arranġament propost isaħħaħ iċ-ċertezza legali u jiżgura li l-appoġġ ikun dirett lejn l-Istati Membri li qed jiffaċċjaw sfidi migratorji reali u dimostrabbli.

Emenda 155
Geadis Geadi

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Minħabba li l-Istati Membri soġġetti ***għal*** pressjoni migratorja jenħtieġ li jkunu jistgħu jiddependu fuq l-appoġġ tal-Unjoni, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli sabiex jagħmel	(15) Minħabba li l-Istati Membri soġġetti ***għall-akbar*** pressjoni migratorja ***bħala stati fuq il-front*** jenħtieġ li jkunu jistgħu jiddependu fuq l-appoġġ tal-Unjoni, jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi

disponibbli għall-Istati Membri benefiċjarji s-sehem rispettiv tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji inklużi fir-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà stabbilita bir-Regolament (UE) 2024/1351[13].

[13] Ir-Regolament (UE) 2024/1351 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar il-ġestjoni tal-asil u l-migrazzjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1147 u (UE) 2021/1060 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 (ĠU L, 2024/1351, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1351/oj).

r-regoli sabiex jagħmel disponibbli għall-Istati Membri benefiċjarji s-sehem rispettiv tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji inklużi fir-Riżerva Annwali ta' Solidarjetà stabbilita bir-Regolament (UE) 2024/1351[13].

[13] Ir-Regolament (UE) 2024/1351 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar il-ġestjoni tal-asil u l-migrazzjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1147 u (UE) 2021/1060 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 (ĠU L, 2024/1351, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1351/oj).

Or. el

Emenda 156
Anna Strolenberg

Proposta għal regolament
Premessa 15a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(15a) Biex jiġu żgurati l-prevedibbiltà u t-trasparenza fir-rigward tal-appoġġ ipprovdut skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Istati Membri jimplimentaw azzjonijiet li huma eliġibbli għall-appoġġ kif stabbilit fl-Anness.

Or. en

Emenda 157
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Pajjiż terz li jkun ikkonkluda ftehim mal-Unjoni dwar il-kriterji u l-	***imħassar***

mekkaniżmi biex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali rreġistrata fi Stat Membru jew irreġistrata f'dak il-pajjiż terz jenħtieġ li jitħalla jippartečipa fl-appoġġ tal-Unjoni permezz ta' dan ir-Regolament dment li jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet.

Or. en

Emenda 158
Jorge Buxadé Villalba, Marieke Ehlers, Susanna Ceccardi

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Pajjiż terz li jkun ikkonkluda ftehim mal-Unjoni dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali rreġistrata fi Stat Membru jew irreġistrata f'dak il-pajjiż terz jenħtieġ li jitħalla jippartečipa fl-appoġġ tal-Unjoni permezz ta' dan ir-Regolament dment li jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet.	(16) Pajjiż terz li jkun ikkonkluda ftehim ***jew arranġament*** mal-Unjoni ***jew mal-Istati Membri*** dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali rreġistrata fi Stat Membru jew irreġistrata f'dak il-pajjiż terz***, u/jew l-istabbiliment jew it-tħaddim ta' ċentri ta' ritorn jew faċilitajiet relatati oħra għal persuni soġġetti għal deċiżjoni ta' ritorn maħruġa minn Stat Membru, inklużi l-kundizzjonijiet għat-trasferiment, ir-residenza u r-ritorn ulterjuri*** jenħtieġ li jitħalla jippartečipa fl-appoġġ tal-Unjoni permezz ta' dan ir-Regolament dment li jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet.

Or. en

Emenda 159
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Pajjiż terz li jkun ikkonkluda ftehim mal-Unjoni dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali rreġistrata fi Stat Membru jew irreġistrata f'dak il-pajjiż terz jenħtieġ li jitħalla jipparteċipa fl-appoġġ tal-Unjoni permezz ta' dan ir-Regolament dment li jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet.	(16) Pajjiż terz li jkun ikkonkluda ftehim mal-Unjoni dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali rreġistrata fi Stat Membru jew irreġistrata f'dak il-pajjiż terz jenħtieġ li jitħalla jipparteċipa fl-appoġġ tal-Unjoni permezz ta' dan ir-Regolament dment li jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet. ***Trid tingħata attenzjoni partikolari lill-impenn tal-pajjiż terz li jirċievi kwalunkwe ċittadin tiegħu li jkun qed jirrisjedi fit-territorju tal-Unjoni illegalment.***

Or. fi

Emenda 160
Erik Kaliňák, Katarína Roth Neveďalová

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Pajjiż terz li jkun ikkonkluda ftehim mal-Unjoni dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali rreġistrata fi Stat Membru jew irreġistrata f'dak il-pajjiż terz jenħtieġ li jitħalla jipparteċipa fl-appoġġ tal-Unjoni permezz ta' dan ir-Regolament dment li jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet.	(16) Pajjiż terz li jkun ikkonkluda ftehim mal-Unjoni dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali rreġistrata fi Stat Membru jew irreġistrata f'dak il-pajjiż terz jenħtieġ li jitħalla jipparteċipa fl-appoġġ tal-Unjoni permezz ta' dan ir-Regolament dment li jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet***, speċjalment fir-rigward tat-twettiq tal-impenji fl-oqsma tal-ġestjoni tal-migrazzjoni, il-kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni***.

Or. sk

Ġustifikazzjoni

Il-parteċipazzjoni finanzjarja ta' pajjiżi terzi fil-programm għandha tkun kundizzjonali fuq it-twettiq effettiv tal-impenji tagħhom lejn l-Unjoni. Ta' importanza partikolari hija l-

kooperazzjoni fl-oqsma tar-riammissjoni u l-ġestjoni tal-migrazzjoni, li huma elementi importanti tal-funzjonament tas-sistema komuni tal-asil u l-migrazzjoni.

Emenda 161
Nicolas Bay

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
16) Pajjiż terz li jkun ikkonkluda ftehim mal-Unjoni dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali rreġistrata fi Stat Membru jew irreġistrata f'dak il-pajjiż terz jenħtieġ li jitħalla jipparteċipa fl-appoġġ tal-Unjoni permezz ta' dan ir-Regolament dment li jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet.	16) Pajjiż terz li jkun ikkonkluda ftehim mal-Unjoni dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali rreġistrata fi Stat Membru jew irreġistrata f'dak il-pajjiż terz jenħtieġ li jitħalla jipparteċipa fl-appoġġ tal-Unjoni permezz ta' dan ir-Regolament dment li jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet ***u li l-appoġġ jista' jiġi sospiż kompletament jew parzjalment meta l-kundizzjonijiet ma jibqgħux issodisfati***.

Or. fr

Emenda 162
Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Jan-Christoph Oetjen, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Pajjiż terz li jkun ikkonkluda ftehim mal-Unjoni ***dwar il-kriterji*** u l-mekkaniżmi biex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali rreġistrata fi Stat Membru jew irreġistrata f'dak il-pajjiż terz jenħtieġ li jitħalla jipparteċipa fl-appoġġ tal-Unjoni permezz ta' dan ir-Regolament dment li jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet.	(16) Pajjiż terz li jkun ikkonkluda ftehim mal-Unjoni ***bil-għan li jilħaq l-objettivi ta' dan ir-Regolament u abbażi tal-kriterji*** u l-mekkaniżmi biex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali rreġistrata fi Stat Membru jew irreġistrata f'dak il-pajjiż terz jenħtieġ li jitħalla jipparteċipa fl-appoġġ tal-Unjoni permezz ta' dan ir-Regolament dment li jiġu ssodisfati ċerti

kundizzjonijiet.

Or. en

Emenda 163
Sophie Wilmès, Malik Azmani, Nathalie Loiseau, Hilde Vautmans

Proposta għal regolament
Premessa 16a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16a) L-appoġġ tal-Unjoni miftuħ għal pajjiżi terzi skont dan ir-Regolament huwa mfassal esklużivament biex jappoġġa l-iżvilupp ta' sistemi tal-asil u l-protezzjoni, il-migrazzjoni legali u l-integrazzjoni, u l-kooperazzjoni dwar il-ġestjoni tal-migrazzjoni inklużi r-ritorn u l-kooperazzjoni effettivi biex tiġi miġġielda l-migrazzjoni illegali mwettqa b'rispett shiħ tad-drittijiet fundamentali u l-obbligi internazzjonali, inkluż il-prinċipju ta' non-refoulement b'mod konsistenti mal-objettivi u l-qafas legali tal-Patt dwar l-Asil u l-Migrazzjoni. Kwalunkwe użu tal-appoġġ tal-Unjoni fir-rigward tal-faċilitajiet jew l-arranġamenti stabbiliti f'pajjiżi terzi għandu jkun soġġett għal konformità shiha mad-dritt tal-Unjoni, id-dritt internazzjonali u l-istandards tad-drittijiet fundamentali, inklużi salvagwardji effettivi, il-monitoraġġ indipendenti u r-rispett għad-drittijiet tal-persuni kkonċernati. L-ebda ftehim jew arranġament konklużż bejn l-Unjoni u pajjiż terz ma għandu jidderoga minn dawk ir-rekwiżiti.

Or. en

Emenda 164
Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Jan-Christoph Oetjen, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle

Proposta għal regolament
Premessa 16a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16a) F'dan ir-rigward, jenħtieġ li l-ftehimiet ma' pajjiżi terzi jkunu dejjem ibbażati fuq ir-rispett għad-drittijiet fundamentali, id-dritt internazzjonali u l-prinċipju ta' non-refoulement.

Or. en

Emenda 165
Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Jan-Christoph Oetjen, Irena Joveva

Proposta għal regolament
Premessa 16b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16b) L-appoġġ tal-Unjoni miftuħ għal pajjiżi terzi skont dan ir-Regolament huwa mfassal esklużivament biex jappoġġa l-iżvilupp ta' sistemi tal-ażil u l-protezzjoni, il-migrazzjoni legali u l-integrazzjoni, u l-kooperazzjoni dwar il-ġestjoni tal-migrazzjoni mwettqa b'rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali u l-obbligi internazzjonali, bħal iżda mhux limitat għall-prinċipju ta' non-refoulement, kif previst skont ir-regolamenti li jikkostitwixxu l-Patt dwar l-ażil u l-migrazzjoni. Ma jestendix għall-istabbiliment, it-tħaddim, il-manutenzjoni jew il-finanzjament ta' kwalunkwe faċilità li tinsab barra mit-territorju tal-Unjoni użata għaż-żamma, l-ipproċessar jew id-detenzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-fini ta' ritorn. L-ebda ftehim jew arranġament konklużi bejn l-Unjoni u pajjiż terz skont l-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament ma għandu jiġi interpretat bħala li jawtorizza l-użu tal-appoġġ tal-Unjoni għal tali finijiet.

Or. en

Emenda 166
Erik Kaliňák, Katarína Roth Neveďalová

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) L-azzjonijiet kollha appoġġati f'konformità mal-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġu implimentati f'konformità mad-drittijiet u l-prinċipji minquxa fl-acquis tal-Unjoni u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u jenħtieġ li jkunu konformi mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni u tal-istati Membri li jirriżultaw mill-istrumenti internazzjonali li huma parti għalihom.	(17) L-azzjonijiet kollha appoġġati f'konformità mal-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġu implimentati f'konformità mad-drittijiet u l-prinċipji minquxa fl-acquis tal-Unjoni u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u jenħtieġ li jkunu konformi mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni u tal-istati Membri li jirriżultaw mill-istrumenti internazzjonali li huma parti għalihom***, filwaqt li jqisu wkoll ir-responsabbiltà tal-Istati Membri għaż-żamma tal-ordni pubbliku u s-salvagwardja tas-sigurtà interna skont l-Artikolu 72 tat-TFUE***.

Or. sk

Ġustifikazzjoni

Ir-rispett għad-drittijiet fundamentali u l-obbligi internazzjonali jikkostitwixxi parti integrali mill-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni. Fl-istess ħin, madankollu, it-TFUE jirrikonoxxi espliċitament ir-responsabbiltà tal-Istati Membri għaż-żamma tal-liġi u l-ordni u s-salvagwardja tas-sigurtà interna. L-emenda proposta tiżgura espressjoni aktar bilanċjata taż-żewġ prinċipji.

Emenda 167
Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) L-azzjonijiet kollha appoġġati f'konformità mal-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġu implimentati f'konformità mad-drittijiet u	(17) L-azzjonijiet kollha appoġġati f'konformità mal-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġu implimentati f'konformità mad-drittijiet u

l-prinċipji minquxa fl-acquis tal-Unjoni u ***fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u jenħtieġ li jkunu konformi mal-obbligi internazzjonali*** tal-Unjoni u ***tal-istati Membri li jirriżultaw mill-istrumenti internazzjonali li huma parti għalihom***.	l-prinċipji minquxa fl-acquis tal-Unjoni u ***tal-Istati Membri***.

Or. pl

Emenda 168
Sebastian Tynkkynen

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) L-azzjonijiet kollha appoġġati f'konformità mal-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġu implimentati f'konformità mad-drittijiet u l-prinċipji minquxa fl-acquis tal-Unjoni u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u jenħtieġ li jkunu konformi mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni u tal-istati Membri li jirriżultaw mill-istrumenti internazzjonali li huma parti għalihom.	(17) L-azzjonijiet kollha appoġġati f'konformità mal-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġu implimentati f'konformità mad-drittijiet u l-prinċipji minquxa fl-acquis tal-Unjoni u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u jenħtieġ li jkunu konformi mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni u tal-istati Membri li jirriżultaw mill-istrumenti internazzjonali li huma parti għalihom***, sakemm Stat Membru ma jqisx li jkun ġustifikat li jaġixxi mod ieħor***.

Or. fi

Emenda 169
Loucas Fourlas, Emil Radev, Tomáš Zdechovský, Loránt Vincze, Henrik Dahl

Proposta għal regolament
Premessa 17a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(17a) Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament kif ukoll l-arranġamenti ta' governanza tiegħu jridu jwasslu għat-

teħid xieraq ta' deċiżjonijiet mill-awtorità baġitarja u għal sorveljanza parlamentari xierqa. B'mod partikolari, kwalunkwe speċifikazzjoni tal-arkitettura interna tal-appoġġ tal-Unjoni għall-ażil, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni jenħtieġ li tiġi riflessa kif dovut fin-nomenklatura tal-baġit permezz tal-introduzzjoni ta' linji baġitarji korrispondenti.

Or. en

Emenda 170
Estrella Galán

Proposta għal regolament
Premessa 19a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(19a) Biex jiġu żgurati l-prevedibbiltà u t-trasparenza fir-rigward tal-appoġġ ipprovdut skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Istati Membri jimplimentaw azzjonijiet li huma eliġibbli għall-appoġġ kif stabbilit fl-Anness. L-informazzjoni dwar l-azzjonijiet iffinanzjati skont dan ir-Regolament, inklużi l-objettivi, il-baġit u l-benefiċjarji tagħhom, jenħtieġ li tkun disponibbli għall-pubbliku.

Or. en